

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1334**tal-4 ta' Awwissu 2016****li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) L-informazzjoni li tirrigwarda żewġ persuni elenkati fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 għandha tiġi aġġornata.
- (3) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2016/44 għandu jiġi emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 għandu jiġi emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

M. LAJČÁK

⁽¹⁾ ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.

ANNEX

L-entrati li jikkonċernaw il-persuni elenkati hawn taħt, kif stipulat fit-taqsimha A tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44, huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
21.	SALEH ISSA GWAIDER, Agila	data tat-twelid 1 ta' Ġunju 1942 Post tat-twelid: Elgubba, il-Libja. Passaport D001001 (il-Libja) maħruġ fit-22 ta' Jannar 2015	Agila Saleh ilu President tal-Kunsill tad-Deputati Libjan fil-Kamra tar-Rappreżentanti mill-5 ta' Awwissu 2014. Fis-17 ta' Diċembru 2015 Saleh iddikjara li hu jopponi l-Ftehim Politiku dwar il-Libja ffirmat fis-17 ta' Diċembru 2015. Bħala President tal-Kunsill tad-Deputati, Saleh fixkel u mmina t-transizzjoni politika Libjana, inkluż billi rrifjuta li ssir votazzjoni fil-Kamra tar-Rappreżentanti fit-23 ta' Frar 2016 dwar il-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali ('GKN'). Fit-23 ta' Frar 2016 Saleh iddeċieda li joħloq kumitat li mistenni jiltaqa' ma' membri oħrajn tal-'proċess Libjan-Libjan' li jopponi l-Ftehim Politiku dwar il-Libja.	1.4.2016
22.	GHWELL, Khalifa magħruf ukoll bħala AL GHWEIL, Khalifa AL-GHAWAIL, Khalifa	data tat-twelid: 1 January 1956 Post tat-twelid: Misurata, il-Libja Ċittadinanza: il-Libja Passaport: A005465 (il-Libja), maħruġ 12 ta' April 2015, jiskadi 11 ta' April 2017	Khalifa Ghwel huwa l-hekk imsejjaħ 'Prim Ministru u Ministru taad-Difiża' tal-Kungress Nazzjonali Ġenerali ('KNĠ') li mhux rikonoxxut internazzjonalment (magħruf ukoll bħala l-'Gvern ta' Salvazzjoni Nazzjonali'), u bħala tali huwa responsabbli għall-attivitatiet tagħhom. Fis-7 ta' Lulju 2015 Khalifa Ghwel wera l-apoġġ tiegħu għall-iSteadfastness Front (Alsomood), forza militari ġdida ta' seba' brigati biex tipprevjeni l-formazzjoni fi Tripli ta' gvern ta' unità, billi attenda ċ-ċerimonja tal-iffirmar li tinawgura l-forza mal-President tal-KNĠ Nuri Abu Sahmain. Bħala 'Prim Ministru' tal-KNĠ, Ghwel kellu rwol ċentrali fit-tfixkil tal-istabbiliment tal-GKN stabbilit taħt il-Ftehim Politiku dwar il-Libja. Fil-15 ta' Jannar 2016, fil-kapaċità tiegħu ta' 'Prim Ministru u Ministru taad-Difiża' tal-KNĠ ta' Tripli, Ghwel ordna l-arrest ta' kull membru tat-Tim ta' Sigurtà il-ġdid, maħtur mill-Prim Ministru elett tal-Gvern b'Kunsens Nazzjonali, li jirfes Tripli	1.4.2016"